


# Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej



Il-vuċi tiegħek tagħmel differenza

## End the cage age

“It-trobbija tal-annimali fil-gaġeġ hi ħolma kerha li, flimkien, qegħdin inwassluha għat-tmiem tagħha.” – I-organizzaturi tal-kampanja End the Cage Age

In-numru ta' inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej li rnexxielhom jilhq u n-numru meħtieġ ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ biex il-Kummissjoni Ewropea tieħu azzjoni, ikompli jikber. Xi wħud minnhom irriżultaw f'leġiżlazzjoni ġdida, filwaqt li oħrajn kellhom riżultati sinifikanti oħrajn. Kollha kemm huma bnew networks madwar kwistjonijiet u żiedu l-għarfien kemm fost iċ-ċittadini kif ukoll fost dawk li jfasslu l-politika.

“L-annimali mrobbija qatt ma kellhom daqstant nies jaħdmu favur il-kawża tagħhom. Mit-tiġieġ fil-gaġeġ li verament jixtiequ jifirxu ġwenħajhom, għall-majjaliet li jixtiequ jrabbu lill-qżieq mingħajr ma jkunu maqfula, u fniek li ħaqqhom l-ispazju biex jaqbżu - kull wieħed u waħda minnhom issa għandhom ċans għal ħajja aħjar.”

Kwotazzjoni mis-sit web ta' End the cage age

### OBJETTIV



Tibda azzjoni dwar it-trattament tal-annimali tar-razzett, billi jiġi pprojbit l-użu ta':

- gaġeġ għat-tiġieġ tal-bajd, għall-fniek, għall-għewietaq, għat-tiġieġ tas-simna, għat-tiġieġ tat-tnissil, għas-summien, għall-papri u għall-wiżż;
- gaġeġ tal-ħlas għall-majjaliet;
- imqawel tal-majjaliet, fejn m'humix diġà pprojbiti;
- imgħalaq individwali għall-għoġġela, fejn m'humix diġà pprojbiti.

### PARTEĊIPAZZJONI



1,397,113 firma vvalidata bil-limiti meħtieġa mil-ħuqa fi 18-il Stat Membru tal-UE.

### SEGWITU



- Fir-reazzjoni tagħha għall-ECI, il-Kummissjoni timpenja ruħha li sal-aħħar tal-2023, tressaq proposta leġiżlattiva biex tneħħi gradwalment, u fl-aħħar tipprojbixxi, l-użu tas-sistemi tal-gaġeġ għall-annimali kollha msemmija fl-Inizjattiva.
- B'mod partikolari, il-proposta tal-Kummissjoni se tikkonċerna:
  - L-annimali diġà koperti mil-leġiżlazzjoni: it-tiġieġ tal-bajd, il-majjaliet u l-għoġġela;
  - Annimali oħra msemmija fl-ECI. F'dan il-każ, il-Kummissjoni diġà talbet lill-EFSA (l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel) biex tikkomplementa l-evidenza xjentifika eżistenti biex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-projbizzjoni tal-gaġeġ.



## #U L-INIZJATTIVA

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej l-għodda tiegħek biex tiffirma l-politika Ewropea



#EUTakeTheInitiative  
europa.eu/citizens-initiative

Follow updates from the European Citizens' Initiative here:  
[https://europa.eu/citizens-initiative/news\\_mt](https://europa.eu/citizens-initiative/news_mt)

Check out detailed Success Stories in the ECI Forum here:  
[https://europa.eu/citizens-initiative-forum/success-stories\\_mt](https://europa.eu/citizens-initiative-forum/success-stories_mt)

© Unjoni Ewropea, 2021 L-użu mill-ġdid hu awtorizzat dment li jiġi rikonoxxut is-sors. Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

ISBN 978-92-76-46541-6 – DOI 10.2792/957848